**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Audrey Micallef)**

**Vs**

**Adballah Khemiri**

**Illum 9 ta' Ottubru 2020**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront ta' Abdallah Khemiri ta' erbgħa u tletin (34) sena, ġenituri mhux magħrufa, imwieled it-Tuniżija fit-22 ta' Frar 1986, residenti Maria, Flt 5, Triq il-Kappillan Mifsud, Ħamrun, u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 0104679(A), talli nhar is-7 ta' Ottubru 2020 għall-ħabta ta' 01:00hrs u fis-siegħat u fil-ġranet ta' qabel ġewwa Bormla u diversi positjiet ġewwa dawn il-Gżejjer:

1. Ikkaġuna lill-eks sieħba tiegħu u cioè Marisa Galea, fastidju meta ġab ruħu b'mod li missu kien jaf li kien qed ikun tali - bi vjolazzjoni ta' l-Artikolu 251A u ta' l-Artikolu 222 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Ma obdiex l-ordnijiet leġittimi ta' l-awtorità jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku u cioè PS131 Nathan Bugeja jew ma ħalliehx jew fixklu waqt li kien qed jagħmel id-dmirijiet tiegħu jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indaħal fi dmiru jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li ħaddieħor ikun għamel skond il-Liġi, jew b'xi mod ieħor li jkun, fejn din id-disubbidjenza jew dan l-indħil ma jaqa' taħt l-ebda dispożizzjonijiet oħra tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta - bi vjolazzjoni ta' l-Artikolu 338(ee) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. F'post pubbliku jew f'post miftuħ għall-pubbliku, kien fis-sakra b'mod li ma kienx jista' jieħu ħsieb tiegħu nnifsu - bi vjolazzjoni ta' l-Artikolu 338(ff) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. Volontarjament qal kliem oxxen li jikkonsisti f'dagħa fil-pubbliku - bi vjolazzjoni ta' l-Artikolu 338(bb) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
5. Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paċi pubblika b'għajjat u storbju - bi vjolazzjoni ta' l-Artikolu 338(dd) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Bil-lejl, volontarjament kiser il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes jew għajjat jew b'mod ieħor - bi vjolazzjoni ta' l-Artikolu 338(m) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex jinħareġ Ordni ta' Protezzjoni, inkluż fil-mori tal-kawża, kontra Abdallah Khemiri a benefiċċju ta' Marisa Galea u dan fit-termini ta' l-Artikolu 412Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba ulterjuri tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija ta' Abdallah Khemiri, flimkien mal-piena applikabbli għar-reati li bihom qed jiġi akkużat, tipprovdi għall-persuna ta' Marisa Galea jew biex jinżamm il-bon ordni pubbliku u torbot lil Abdallah Khemiri b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 *et seq* tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta għal żmien li tħoss xieraq;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbili fil-Liġi, tordna lill-imsemmi Abdallah Khemiri sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' Esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni, senjatament: (i) il-Kunsens ta' l-Avukat Ġenerali a tenur ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta - Dok. "A"; (ii) il-fedina penali ta' l-imputat - Dok. "B"; (iii) fotokopja tal-Karta ta' l-Identità Tuniżina ta' l-imputat - Dok. "C"; (iv) rapport tal-Pulizija dwar dan il-każ - Dok. "D"; (v) dikjarazzjoni ta' Marisa Galea fejn tirrifjuta li tkellem lill-Agenzja Appoġġ dwar ir-rapport magħmul minnha fil-konfront ta' l-imputat - Dok. "D1"; (vi) dikjarazzjoni ta' l-imputat ta' rifjut ta' parir u assistenza legali - Dok. "E"; (vii) stqarrija rilaxxata mill-imputat - Dok. "F"; (viii) personal details form ta' l-imputat - Dok. "G";

Rat li l-imputat, filwaqt li ddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja, wieġeb li huwa ħati ta' l-akkużi dedotti fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet minnu kkonfermata wara li l-Qorti, a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, avżatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkonċedietlu żmien biżżejjed biex jirrikonsidra t-tweġiba tiegħu u jerġa' lura minnha;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża dwar il-piena;

Rat l-atti kollha tal-każ;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi akkużat talli nhar is-7 ta' Ottubru 2020 għall-ħabta ta' 01:00hrs u fis-siegħat u fil-ġranet ta' qabel ġewwa Bormla u diversi positjiet ġewwa dawn il-Gżejjer: (i) ikkaġuna lill-eks sieħba tiegħu u cioè Marisa Galea, fastidju meta ġab ruħu b'mod li missu kien jaf li kien qed ikun tali - bi vjolazzjoni ta' l-Artikolu 251A u l-Artikolu 222 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) ma obdiex l-ordnijiet leġittimi ta' l-awtorità jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku u cioè PS131 Nathan Bugeja jew ma ħalliehx jew fixklu waqt li kien qed jagħmel id-dmirijiet tiegħu jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indaħal fi dmiru jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li ħaddieħor ikun għamel skond il-Liġi, jew b'xi mod ieħor li jkun, fejn din id-disubbidjenza jew

dan l-indħil ma jaqa' taħt l-ebda dispożizzjonijiet oħra tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta - bi vjolazzjoni ta' l-Artikolu 338(ee) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (iii) f'post pubbliku jew f'post miftuħ għall-pubbliku, kien fis-sakra b'mod li ma kienx jista' jieħu ħsieb tiegħu nnifsu - bi vjolazzjoni ta' l-Artikolu 338(ff) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (iv) volontarjament qal kliem oxxen li jikkonsisti f'dagħa fil-pubbliku - bi vjolazzjoni ta' l-Artikolu 338(bb) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (v) volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paċi pubblika b'għajjat u storbju - bi vjolazzjoni ta' l-Artikolu 338(dd) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta; (vi) bil-lejl, volontarjament kiser il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes jew għajjat jew b'mod ieħor - bi vjolazzjoni ta' l-Artikolu 338(m) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-imputat wieġeb li huwa ħati ta' l-akkużi dedotti fil-konfront tiegħu u fid-dawl ta' tali ammissjoni l-Qorti ssibu ħati ta' l-akkużi hekk dedotti kontrih.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni kemm in-natura tar-reati li bihom qed jiġi akkużat l-imputat u li ġew minnu ammessi kif ukoll l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat u l-fatt li huwa għandu fedina penali netta. Ikkunsidrat ukoll il-fatt li hemm l-assorbiment tat-tieni, it-tielet, ir-raba', il-ħames u s-sitt akkuża fl-ewwel akkuża dedotta fil-konfront ta' l-imputat.

Għaldaqstant, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 31, 202(h)(i), 222(1), 251A(1),(2),(3) u (4), 338(m),(bb),(dd),(ee),(ff) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li ittenni li qed issib lill-imputat ħati ta' l-akkużi dedotti fil-konfront tiegħu, tikkundannah għal disa' (9) xhur priġunerija iżda peress illi fil-fehma tal-Qorti hemm raġunijiet in bażi għal liema l-imsemmi terminu ta' disa' (9) xhur priġunerija jiġi sospiż, senjatament il-kondotta nadifa ta' l-imputat u l-ammissjoni tiegħu fi stadju bikri ta' dawn il-proċeduri, ai termini ta' l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tissosspendi t-terminu ta' disa' (9) xhur priġunerija hawn impost għall-perijodu ta' sena (1) mill-llum.

A tenur ta 'l-Artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta 'Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar ir-responsabilità tiegħu taħt l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta 'Malta jekk huwa jikkommetti, matul il-perijodu operattiv ta 'din is-sentenza sospiża, reat li għalih hemm piena ta 'priġunerija.

A tenur ta' l-Artikolu 412(Ċ) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed toħroġ Ordni ta' Protezzjoni għas-salvagwardja ta' Marisa Galea, liema Ordni qed isir bil-kondizzjonijiet u it-termini imposti fid-Digriet għall-Ħruġ ta' Ordni ta' Protezzjoni mogħti llum, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u b'hekk jifforma parti integrali minnha.

A tenur ta' l-Artikolu 412(Ċ)(6) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li din is-sentenza u l-Ordni ta' Protezzjoni maħruġa llum fil-konfront ta' l-imputat jiġu notifikati lill-Kummissarju tal-Pulizija.

Ai termini ta' l-Artikolu 383 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti, sabiex izzomm il-bon ordni pubbliku ma' Marisa Galea, qed torbot lill-imputat b'obbligazzjoni tiegħu nnfisu taħt penali ta' tlett mitt Euro (€300) għall-perijodu ta' sena (1) li jibda

jiddekorri mid-data ta' din is-sentenza. L-obbligazzjoni fil-konfront ta' l-imputat qed tiġi annessa ma' din is-sentenza u tifforma parti integrali minnha. Il-Qorti qed tavża lill-imputat li ai termini ta' l-Artikolu 387 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, jekk huwa jinstab ħati quddiem Qorti kompetenti li kisr il-kondizzjonijiet ta' l-obbligazzjoni tiegħu, is-somma ta' tlett mitt Euro (€300) li għaliha obbligu ruħu tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta.

Fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, minbarra li tapplika l-piena skond il-Liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' din it-talba stante li f'dan il-każ ma ġewx maħtura Esperti.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**